**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 339/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jason Zammit**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jason Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 10174(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli f'Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diveri atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda.

1. appropja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn erbgħa (4) *quad-bikes* bil-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37) għad-dannu ta' Brian Gulliemier u Charles Bianco, liema *quad-bikes* ġew fdati jew kkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema *quad-bikes* ġew fdati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu;

2. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 189 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 49, 50 293, 294 u 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati kontra tiegħu u, wara li rat Artikoli 2, 7, 11 sa 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok tat piena ta' priġunerija kontra l-imputat, meta ħadet kont tal-valur tal-oġġetti approprijati, poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Servizz lill-Komunita' bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra msemmija fid-digriet anness mas-sentenza. A tenur ta' Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ddikjarat li qabel ma emanat tali Ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness mal-istess sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor, huwa jista' jinghata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati bis-sentenza, *nonche* l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-Ordni msemmija. *Ai termini* ta' Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' bid-digriet ta' dakinhar stess jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole*, lill-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-

Ordni msemmi. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas lill-*parte civile* Brian Gulliemier u Charles Bianco l-bilanċ ta' ħdax-il elf u tnax-il Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,012.25) rappreżentanti d-danni sofferti minħabba r-reat li wettaq il-ħati u dan fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat illi, fit-23 ta' Jannar 2019, l-Uffiċjal tal-*Probation* Joseph Mizzi ppreżenta denunzja (*a fol.* 201) quddiem l-Ewwel Qorti *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitou 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 214) quddiem l-Ewwel Qorti, il-konsulent legali tal-appellant iddikjara li minn meta l-kawża marret għas-sentenza l-ħati kompla s-siegħat li kellu jagħmel u kien baqagħlu jagħmel biss tmintax-il siegħa xogħol fil-komunita'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 215 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 11(4), 20, 21(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kienet tal-fehma li għandha tkun revokata l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u għaddiet biex tagħti lill-ħati l-piena skont il-liġi għar-reat li nstab ħati tiegħu oriġinarjament fis-27 ta' Jannar 2016 u, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat sena priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 226 *et seq.*) fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu u hekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata. F'każ li l-ewwel aggravju tiegħu jiġi miċħud l-esponenti appellant jitlob bir-rispett li jintlaqa' it-tieni aggravju tiegħu u minħabba li dan il-każ kien jimmerita li a tenur tal-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti appellant minflok ma' l-Ewwel Qorti kellha titratta miegħu għar-reat li tiegħu huwa ikun ingħata l-Ordni tas-Servizz fil-Komunita' kien ikun aktar ġust li tiġi nflitta fuqu l-multa ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu ta' Eureo (Ewro 232.94) jew piena oħra li tagħmel aktar għal każ preżenti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-appell jiġi mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta u dana minkejja li l-Imħallef sedenti kien il-Maġistrat li għal xi żmien kien qed jisma' l-kawża li eventwalment ma ġietx deċiża minnu.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad li f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 189 *et seq.*) l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u, fost l-oħrajn, poġġietu taħt Ordni ta' Servizz lill-Komunita' bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra msemmija fid-digriet anness mas-sentenza. Minn din is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 ma kien hemm l-ebda appell.

Illi fit-23 ta' Jannar 2019 saret denunzja (*a fol.* 201) mill-Uffiċjal tal-*Probation ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u in segwitu ta' din id-denunzja ngħatat sentenza mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 215 *et seq.*) li minnha ġie ntavolat appell liema appell qed jiġi kkunsidrat f'din is-sentenza ta' din il-Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżultaw ukoll is-segwenti:

- Wara s-sentenza oriġinali tas-27 ta' Jannar 2016, l-ewwel rapport (*a fol.* 198) tal-Uffiċjal tal-*Probation* kien fit-30 ta' Ġunju 2016 fejn huwa nforma lill-Ewwel Qorti li l-appellant kien qed iwettaq xogħol siewi meta kien adett biex jagħmel xogħol fl-inħawi ta' Ta' Pinu.

- L-affarijiet inbidlu meta fl-14 ta' Marzu 2018 l-Uffiċjal tal-*Probation* ippreżenta Rikors (*a fol.* 199) fejn fih ingħad s-segwenti: *"Illi bi qbil bejn l-Uffiċjal tal-Probation u r-rappreżentant tal-Kumpless tas-Santwarju Ta' Pinu, deher li Jason Zammit ma kienx qed juri motivazzjoni u ma setax ikompli jwettaq ix-xogħol ta' Servizz fil-Komunita' f'dan il-post, ġie assenjat li jkompli jwettaq din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ġewwa l-Government Experimental Farm (GEF) fil-limiti tax-Xewkija".* Fl-istess Rikors ingħad ukoll li minħabba li kien hemm ristrutturar f'dan il-post u ħadd ma kellu kontroll fuq dan, l-appellant ma kienx lesta s-siegħat ta' xogħol li kellu jagħmel u għalhekk fir-Rikors intalab li ż-żmien għal Ordni jiġi estiż sabiex l-appellant ikun jista' jaħdem is-siegħat li kien fadallu. Din it-talba ġiet milqugħa b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 200) u ż-zmien ġie estiż b'sena.

- Fit-23 ta' Jannar 2019 ġiet ippreżentata denunzja (*a fol.* 201) *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Uffiċjal tal-*Probation* irrapporta li l-appellant kien naqas li jwettaq mitejn siegħa xogħol fil-lok magħżul għalih mid-dipartiment tal-*Probation*. Ingħad hekk: *"Huwa [l-appellant] naqas milli juri impenn u motivazzjoni sabiex iwettaq is-siegħat li kien fadallu wara r-rilokazzjoni tal-post fejn kellu jkompli x-xogħol ta' Servizz fil-Komunita' u ma żammx mal-attendenza miftehma mar-rappreżentanta tal-post inkarigata"* (*a fol.* 201).

- Fis-seduta tad-9 t'April 2019 (*a fol.* 203) l-Uffiċjal tal-*Probation* nforma lill-Ewwel Qorti dwar l-andament tal-appellant u fl-istess seduta l-istess Qorti tat ċans lill-appellant sad-29 ta' Ġunju 2019 sabiex iwettaq il-ħamsa u ħamsin (55) siegħa li kien għad fadal.

- F'Rapport (*a fol.* 204 *et seq.*) ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019, l-Uffiċjal tal-*Probation* informa lill-Ewwel Qorti li Jason Zammit baqa' ma wettaqx ix-xogħol ta' servizz fil-komunita' saż-żmien stipulat u li huwa kien naqas li jattendi għax-xogħol diversi ġimgħat u attenda biss b'mod sporadiku, b'nuqqas ta' rispett tal-entita' inkarigata u mingħajr pre-avviż. Fir-rapport ingħad is-segwenti (*a fol.* 204): *"Kif ġara fl-ewwel placement (Ta' Pinu), din id-darba, s-Sinjura Heidi Grech ukoll aċċennat għan-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa ta' Zammit waqt is-Servizz fil-Komunita'."* Ingħad ukoll li fl-aħħar sena l-appellant kien wettaq biss tletin (30) siegħa u fi tliet snin ma rnexxilux ilesti s-siegħat kollha u li hu ma żammx mal-orarju minħabba li x-xogħol tiegħu jirrikjedi ħafna skariġġ lejn Malta.

- Fil-11 ta' Lulju 2019 xehed l-Uffiċjal tal-*Probation* (*a fol.* 208) li kkonferma r-rapport tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2019 hawn fuq imsemmi fejn huwa qal li l-appellant baqa' ma għamilx is-siegħat ta' xogħol u qal li kien hemm ċirkostanzi fejn ma setax imur għax kien ma jiflaħx.

- Fl-istess seduta tal-11 ta' Lulju 2019 xehed l-appellant (*a fol.* 209 *et seq.*) fejn qal li kien kuntent ma' tal-*Animal Welfare* imma ma kienx qed iħossu sew. Jgħid li kellu wkoll ix-xogħol tiegħu u minn meta ngħata ċans ieħor ma kienx qiegħed sew. F'dan l-istadju l-Ewwel Qorti fakkritu li kienet tatu sena oħra. L-appellant irrifera għall-aħħar tliet xhur u qal li lanqas fix-*showroom* tiegħu ma kien qed ikun u li lit-tabib qallu li kellu pressjoni għolja u meta jkun b'saħħtu kien lest li jagħmel dan ix-xogħol. Jgħid li talab lit-tabib jagħmillu ċertifikat imma t-tabib qallu li ma riedx għax ikollu jitla' l-Qorti. Jisħaq li żgur kien jagħmel is-siegħat u li meta l-Prosekuzzjoni qaltlu li kien baqa' jagħmel ix-xogħol personali tiegġu, wieġeb li ma kienx qed jagħmel ħafna imma li xi ħaġa trid tagħmel.

- Fis-seduta miżmuma fis-27 ta' Novembru 2019 (*a fol* 214), eżatt qabel ma ngħatat is-sentenza appellata mill-Ewwel Qorti, il-konsulent legali tal-appellant ddikjara li minn meta l-

kawża kienet marret għas-sentenza, l-appellant kompla s-siegħat ta' xogħol li kellu jagħmel u kien baqagħlu jagħmel biss tmintax-il siegħa xogħol fil-komunita'. Fl-istess jum l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza.

- Fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 233), il-konsulent legali tal-appellant talab sabiex jixhed l-Uffiċjal tal-*Probation* sabiex jikkonferma li fil-mori t-tmintax-il siegħa xogħol fil-komunita' li kien fadal gew mahduma u wara li din il-Qorti diversament preseduta semgħet li dawn is-siegħat nħadmu wara l-għoti tas-sentenza mertu tal-appell u wara li l-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għat-talba, din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba peress li dak li allegatament seħħ seħħ wara l-għoti tas-sentenza, jiġifieri l-ħidma tat-tmintax-il siegħa rimanenti ma setgħax jinċidi fuq il-mertu tas-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li ma kienx kienx assistit minn avukat meta deher quddiem l-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Lulju 2019. Jisħaq li hu lanqas ġie mistoqsi jekk jagħżilx li ma jixhidx imma fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 207) hemm imniżżel li kien xehed hu rigward id-denunzja li saret. Jisħaq li hu ried jagħmel is-sottomissjonijiet tramite l-avukat tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li jidher li l-appellant għażel minn jeddu li jixhed. Din mhux il-fażi ta' qabel ma jibdew il-proċeduri fil-Qorti fejn l-assistenza minn avukat huwa dritt li tista' wkoll tirrinunzja għalih. Fil-proċeduri fil-Qorti jibqa' dak id-dritt li akkużat ikun assistit minn avukat iżda l-għażla tibqa' f'idejh jekk jeżerċitax dan id-dritt. Minn imkien ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti jew il-Prosekuzzjoni sfurzaw lill-appellant biex jixhed. Għall-Prosekuzzjoni x-xhud importanti kien l-Uffiċjal tal-*Probation* li mexa mad-direzzjoni tal-Qorti u fiż-żmien stipulat mill-Qorti stess ippreżenta r-rapport. Fuq kollox, mix-xiehda li ta l-appellant bl-ebda mod ma jirriżulta li dan b'xi mod inkrimina ruħu b'dak li qal

anzi ta spjega dwar il-problemi ta' saħħa li kellu u li kien għalhekk li ma kienx għamel is-siegħat. Huwa ddefenda ruħu u ma qalx xi ħaġa li setgħet tintuża kontra tiegħu.

Illi fuq l-ilment tal-appellant li s-sottomissjonijiet setgħu jsiru mill-avukat biss u mhux minnu, din il-Qorit tinnota li dakinhar li xehed l-appellant fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, l-Ewwel Qorti ddiferiet il-kawża għas-sentenza għall-24 ta' Settembru 2019 li b'ordni tal-istess Qorti ġiet differita għas-27 ta' Novembru 2019 f'liema seduta deher l-appellant assistit mill-konsulent legali tiegħu u dakinhar l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha dwar id-denunzja magħmula mill-Uffiċjal tal-*Probation*. Ma jirriżulta minn imkien fl-atti proċesswali li f'dawn l-erba' xhur u sittax-il jum intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minn naħa tad-difiża. F'dak il-jum stess li kellha tingħata s-sentenza mill-Ewwel Qorti, il-konsulent legali tal-appellant għamel dikjarazzjoni fil-verbal ta' dakinhar dwar in-numru ta' siegħat li, skont hu, kien fadallu jagħmel l-appellant u għal darb'oħra ma saret <u>ebda</u> talba sabiex tiġi s-sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex possibilment jinstemgħu sottomissjonijiet jew sabiex jiġi mitlub li tiġi ppreżentata Nota ta' Sottomissjonijiet.

Illi dwar dak li ngħad fis-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa minn din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 fejn wieħed mill-konsulenti legali tal-appellant saħaq illi f'każ li Ordni ta' *Probation* tinkiser il-proċedura kellha tkun jew fuq Rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* jew inkella jekk isir rapport ieħor ikun ġuramentat, din il-Qorti tinnota li l-atti proċesswali jikkontjenu Rikors *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta (*a fol.* 201) u kif ukoll Rapport tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* (*a fol.* 204) liema Rappor ġie kkonfermat bil-ġurament fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019 miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti meta l-Uffiċjal tal-*Probation* ta' d-depożizzjoni tiegħu dwar l-istess quddiem il-Qorti msemmija.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li dan il-każ ma kienx jimmerita piena ta' priġunerija ta' sena imma l-multa. Jgħid li hemm diversi fatturi li jimmilitaw favur din it-teżi u li l-ewwelnett fl-ewwel sena kien hemm ċirkostanzi li fuqhom la kellu kontroll hu, la l-Uffiċjal tal-*Probation* u lanqas Heidi Grech tal-*Government Experimental Farm* tant li l-perjodu kellu jiġi estiż b'sena. Jisħaq li fl-għeluq tal-estensjoni ta' din is-sena hu kien baqagħlu biss ħamsa u ħamsin siegħa waqt li fis-27 ta' Novembru 2019 kien baqagħlu x'jaħdem tmintax-il siegħa. Jgħid li beda jbati bil-pressjoni u waqt id-depożizzjoni tiegħu qal li ma kienx qed iħossu sew u ma setax jagħmilhom. Jgħid li huwa ħallas dak kollu li kellu jagħti lill-*parte civile* u li tenut kont ta' dan kollu l-Ewwel Qorti messha għażlet li timponi l-multa.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa bil-wisq evidenti illi meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza oriġinali tagħha fis-27 ta' Jannar 2016 fejn ikkundannat lill-appellant jagħmel xogħol fil-komunita' bla ħlas għal mitejn (200) siegħa u meta kkundannatu wkoll sabiex iħallas lill-*parte civile* s-somma ta' ħdax-il elf u tnax il-Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,012.25) fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza li tat lill-appellant opportunita' tad-deheb u dan sabiex jiġi evitat li jingħata sentenza ta' priġunerija.

Illi rriżulta li kien hemm mumenti fejn l-appellant ma kellu ebda tort għad-dewmien sabiex jaderixxi max-xogħol fil-komunita' u dan kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza <u>pero</u>' jibqa' l-fatt li spiċċat saret denunzja da parte tal-Uffiċjal tal-*Probation* u minkejja li s-sentenza oriġinali ngħatat mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Jannar 2016 sa għal tal-anqas il-11 ta' Lulju 2019 (u ċioè aktar minn tliet snin wara) huwa baqa' ma ħadimx is-siegħat kollha bla ħlas li kellu jagħmel fil-komunita'. Minkejja r-raġunijiet imsemmija mill-appellant meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ma ressaq ebda provi konkreti (inkluż dokumentarji) li jikkorroboraw dak li kien qed jgħid u dan apparti dak li ngħad aktar 'il fuq fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, li fl-

ebda mument ma l-Ewwel Qorti ntalbet li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi l-kondizzjonijiet mogħtija mill-Qrati qegħdin hemm biex jiġu osservati u mhux biex jiġu mġebbda qishom lastiku. L-appellant kellu jkun grat li fis-sentenza oriġinali tagħha l-Ewwel Qorti kkundannatu jagħmel xogħol bla ħlas fil-komunita'. Mhux talli l-appellant wera li ma kienx grat, talli anqas ra kif jagħmel biex jaħdem is-siegħat kollha li ġie kkundannat jaħdem bla ħlas fil-komunita'.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li minn dakinhar li ġiet ippreżentata d-denunzja quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Jannar 2019 (ċioè tliet snin wara s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti) sas-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, l-appellant kien għadu ma ħadimx is-siegħat kollha li kien ġie kkundannat jaħdem. Kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata: *"Din il-Qorti tagħmilha ċara li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tiġi mogħtija sentenza għandhom dejjem jiġu osservati ad litteram u skrupliżament u ma għandux jingħata lok għal kavillar żejjed fl-interpretazzjoni tagħhom meta jkunu ċari u kategoriċi, kif inhi l-kundizzjoni fis-sentenza fuq imsemmija fejn l-imputat kellu jagħmel numru ta' siegħat bħala servizz fil-komunita', liema siegħat ta' xogħol ma twettqux mhux biss fiż-żmien mogħti lilu oriġinarjament imma anke meta kien estiż iż-żmien biex l-imputat ikun jista' jwettaq il-kumplament tas-siegħat li kien għad fadallu jagħmel."*

Illi din il-Qorti tqis li f'dan il-każ ma kienx jimmerita li l-appellant jiġi kkundannat iħallas ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) kif isostni l-istess appellant. In fatti, tenut kont taċ-ċirkostanzi u minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata għaddiet biex tagħti lill-appellant il-piena skont il-liġi fir-rigward ta' dak li kien ġie misjub ħati tiegħu fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016. Dwar din il-piena ma tantx hemm wisq x'jingħad meta jiġi kkunsidrat li fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 189 *et seq.*) l-appellant ġie misjub ħati ta' dak li kien

oriġinarjament ġie akkużat bih li kien jinkludi wkoll ir-reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jason Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**